

32001D0535

17.7.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 193/25

## ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Lulju 2001

**li temenda d-Deċiżjoni 94/442/KE li tistabbilixxi proċedura ta' konċiljazzjoni fil-kuntest tal-tisrif tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (EAFGG) Taqsima ta' Garanzija**

(innotifikata bid-dokument numru Ċ(2001) 1756)

(2001/535/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 fuq il-finanzjament tal-politika komuni agrikola<sup>(1)</sup>, u b' mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex ikun żgurat li l-Korp ta' Konċiljazzjoni jista' jkɔmpli jiffunzjona waqt li l-membri tiegħu huma gradwalment irriempjazzati, id-durata tal-kariga suppost tkun imġedda għal żmien aqasar wara l-ewwel durata ta' tliet snin. Ir-regoli speċjali li jaapplikaw għad-durata tal-kariga tal-President tal-Korp iridu jkunu aktar ċari. Għal dak il-għan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/442/KE ta' l-1 ta' Lulju 1994 li tistabbilixxi proċedura ta' konċiljazzjoni fil-kuntest tat-tisrif tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (EAFGG) Tasima ta' Garanzija<sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2000/649/KE<sup>(3)</sup> suppost tkun adottata.
- (2) Il-Kumitat EAFGG wassal opinjoni favorevoli,

ADOTTAT DIN ID- DEĊIJONI:

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 94/442/KE hi minn hawn emendata kif isegwi:

1. It-tieni u t-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 3(2) huma sostitwiti bis-segmenti:

"Il-President u l-membri għandhom ikunu appuntati mill-Kummissjoni għal kariga inizzjali ta' uffiċċju ta' tliet snin wara li l-Kumitat EAFGG ikun ġie konsultat bi qbil ma' l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999. Id-durata tal-karigi tagħhom tista' tkun imġedda għal sena kull darba biss, u l-Kumitat irid ikun infurmat. Iżda, meta l-

Prezident li ser ikun appuntat hu digħi membru tal-korp, il-kariga ta' uffiċċju inizzjali tiegħu jew tagħha bħala President għandha tkun ta' tliet snin.

Ukoll, wara li l-Kumitat EAFGG ikun ġie kkonsultat bħal qabel bi qbil ma' l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999, il-Kummissjoni għandha tappuna membri sostituti li jiġi stipulati fl-ewwel subparagrafu u li għandhom ikunu msejħha fl-ordni tal-lista tal-Kummissjoni."

2. L-Artikolu 3(3) hu sostitwit b'dan li ġej:  
"Wara li d- durata tal-kariga tiegħu jew tagħha tkun skadiet, il-membri jew fejn applikabbli, l-President għandu jibqa' fil-kariga tiegħu sakemm hu/hi jkun irriempjazzat jew id-durata tal-kariga tiegħu/tagħha tkun imġedda."
3. L- ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3(4) hu sostitwit b'dan li ġej:  
"Qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' tliet snin, kariga ta' uffiċċju tista' tintemmi bħala riżultat ta' riżenza volontarja jew sfurzata, jew mewt. F'tali każ il-membri għandu jkun irriempjazzat għall-bqija tad-durata tal-kariga tiegħu/tagħha mill-ewwel membru sostitut disponibbli. Iżda, jekk il-President jirriżenja jew imut, il-membri li għandu jwettaq id-doveri tal-President għall-bqija tad-durata tal-kariga ta' dan ta' l-aħħar għandu jkun maħtur mill-Kummissjoni wara li l-Kumitat EAFGG ikun ġie kkonsultat bi qbil ma' l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999."

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Lulju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĊU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.

<sup>(2)</sup> ĠU L 182, tas-16.7.1994, p. 45.

<sup>(3)</sup> ĠU L 272, tal-25.10.2000, p. 41.